# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 19 ta' Frar tas-sena 2002.**

**Numru 11**

**Avviz numru 1694/00/SM**

**Middle Sea Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Aronne Camilleri sija bil-polza u sija bil-ligi.**

**vs**

**George Mario Azzopardi**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-28 ta' Dicembru tas-sena 2000 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

1. **Ihallas is-somma ta' tlett mija u tlieta u hamsin lira Maltin u erbgha u erbghin centezmu**

**(LM353.44,0) in linea ta' danni kagonati fl-incident stradali li gara fl-1 ta' Jannar 1999 fil-Mosta ghal habta tal-12.30 p.m. bejn vettura numru EAN 825 misjuqa mill-konvenut u vettura numru KIM 593 misjuqa mill-assikurat tal-attur nomine u liema incident stradali gara minhabba negligenza, traskuragni, imperizja u b'nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut;**

2. **Bl-imghaxijiet legali minn notifika tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Mejju 2000 u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficcjali tat-8 ta' Mejju 2000 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata d-29 ta' Jannar tas-sena 2001 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

1. **Illi t-talbiet attrici kif dedotti fl-Avviz prezenti ghandhom jigu respinti fil-konfront ta' l-eccipjenti, stante illi l-incident de quo sehh minghajr ebda trot imputabbli lill-eccipjenti, izda sehh unikament minhabba traskuragni, negligenza, imperizja jew nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' Aronne Camilleri, kif jista' jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza;**

2. **Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-incident awtomobilistiku in dizamina sehh fl-1 ta' Jannar ta' l-1999 ghall-habta tan-nofs**

**siegha ta' wara nofs inhar fi Triq id-Dura, kantuniera ma' Triq St. Rocco, il-Mosta;**

2. **Illi l-vetturi involuti fl-incident de quo kienu wahda tal-marka Hyundai Accent bin-numru ta' registrazzjoni KIM-593 misjuqa mill-assigurat tas-socjeta' attrici Aaron Camilleri u l-ohra tal-marka Vauxhall bin-numru ta' registrazzjoni EAN-825 misjuqa mill-konvenut George Mario Azzopardi;**

3. **Illi skond ix-xhieda mismugha u l-iskizzipprezentat l-assigurat tas-socjeta' attrici nomine jidher li kien miexi fi triqtu go Triq id-Dura u meta wasal fl-inkrocju ma' Triq St. Rocco, hares lejn il-lemin u ra li ma kien hemm l-ebda vettura ohra fil-pront hu u hiereg, jara lill-vettura tal-konvenut fuq indikata gejja b'velocita' kbira;**

4. **Illi meta l-assigurat tas-socjeta' attrici nomine ra din l-emergenza waqaf u ghalkemm il-konvenut zamm il-"brake" xorta ma setax jevita l-kollizzjoni;**

5. **Illi d-danni sofferti mill-assigurat tas-socjeta' attrici nomine ghamlet tajjeb ghalihom l-istess socjeta' u ghalhekk giet intavolata din il-procedura;**

6. **Illi d-danni sofferti mis-socjeta' attrici nomine jammontaw komplessivament ghall-tlett mija u tlieta u hamsin Lira Maltin u erba' u erbghin centezmu, (LM353.44,0);**

**Ikkonsidrat:**

**Illi jirrizulta mill-analizi ta' l-iskizz ipprezentat li l-konvenut kien f'karreggiata li ma kienx suppost li jkun fiha stante li Triq St. Rocco hi wahda b'zewg karreggiati ghat-traffiku li jimxi f'direzzjoni opposti;**

**Illi ghalhekk jirrizulta li l-vettura tal-konvenut spiccat f'karreggiata li mhux suppost li kienet fih;**

**Ghaldaqstant wara li ezaminat il-fatti kollha esposti quddiemha din il-qorti tiddeciedi li:**

1. **Tiddikjara li l-konvenut George Mario Azzopardi kien unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in dizamina;**

2. **Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici nomine jammonta komplessivament ghall-tlett mija u tlieta u hamsin Lira Maltin u erba' u erbghin centezmu, (LM353.44,0);**

3. **Tikkundanna lill-konvenut George Mario Azzopardi jhallas l-ammont ta' tlett mija u tlieta u hamsin Lira Maltin u erba' u erbghin centezmu, (LM353.44,0), hekk likwidat lis-socjeta' attrici nomine, bl-ispejjez u imghaxijiet skond il-ligi sa mid-data ta' l-ittra ufficjali tat-8 ta' Mejju tas-sena 2000.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**